# VIGIL FOR VICTIMS OF PARENTAL ALIENATION

HAPPY PARENTING - MALTA (FOR HAPPIER CHILDREN) (HPM4HC)
INSISTS ON FAMILY COURT REFORM: **INNAQQSU L-ABBUŻ**!

## Velja Quddiem il-Ħabs
## 25th April 2022 19:30

International Parental Alienation Awareness Day (IPAAD)

B'dieqa bla kliem u fis-skiet b'rispett lejn priġunieri vittmi ta' Parental Alienation.

Happy Parenting – Malta (For Happier Children) għamlet diversi proposti għal tibdil fil-liġi u titjib fil-proċeduri tal-Qorti tal-Familja. Fost oħrajn semmiet li ġenituri, ommijiet jew missirijiet, vittmi ta' parental alienation m'għandhomx jintbagħtu l-ħabs fuq allegazzjonijiet u għax ġenwinament m'għandhomx biex iħallsu l-manteniment.

Għandu jkun hemm bord apposta magħmul minn professjonisti legali u mill-qasam tal-ħarsien soċjali li huma esperti fis-suġġett ta' Parental Alienation. Għandhom ikunu huma li jagħtu pariri lill-Ġudikatura.
Jekk inħarsu lura, niftakru ċar każijiet li kienu fil-midja fejn kemm-il vittma intbagħtu l-ħabs mingħajr ħtija. Insemmu per eżempju li Emmanuel Camilleri u lil Nicholas Azzopardi. Però mhux dawn biss!
F'din Malta tagħna għandna bżonn inkunu aktar konxji ta' kemm ħsara rreparabbli ssir fuq il-ġenituri u fuq kollox fuq it-tfal.

It-tfal ma jixraqilhomx li wieħed mill-ġenituri jispiċċa l-ħabs bla ġustifikazzjoni. L-istigma minnha nfisha wkoll tqila ħafna.

Min se jġib lura dawk il-ġranet, ġimgħat, xhur, snin mgħoddija fil-ħabs?!
Min se jġib lura s-saħħa mentali u emozzjonali ta' min ikun involut; mhux biss tal-ġenitur li spiċċa l-ħabs, imma wkoll il-familjari.

vigil@happyparentingmalta.com
**Happy Parenting - Malta (For Happier Children)**
HPM4HC VO/1819 HappyParentingMalta.com

# VIGIL FOR VICTIMS OF PARENTAL ALIENATION

HAPPY PARENTING - MALTA (FOR HAPPIER CHILDREN) (HPM4HC)
INSISTS ON FAMILY COURT REFORM: **INNAQQSU L-ABBUŻ**!

Min se jġib lura dawk il-ġenituri li waqt jew wara sentenza l-ħabs, jaqtgħu qalbhom u jispiċċaw jikkontemplaw u saħansitra jikkommettu suwiċidju?!

Happy Parenting – Malta (For Happier Children) tagħti sostenn lil vittmi ta' Parental Alienation u tinsab imħassba dwar dewmien biex tinbidel il-liġi.

Għandna membri li jinsabu l-ħabs għax ma felħux iħallsu l-manteniment, jew fuq allegazzjonijiet gravi bħal dawk ta' vjolenza domestika foloz jew interpretati ħazin u mkabbra b'mod esaġerat, jew li abbużaw lit-tfal sesswalment – gidba komuni minn ġenitur aljenatur li spiss ikun ibati minn diffikultajiet ta' saħħa mentali. Ġenitur aljenatur jaf ikun kapaċi jilbes libsa ta' miskin/a u jitwemmen li dak li qed jallega jkun tabilħaqq qed iseħħ. Kultant siltiet ta' verità mħallta ma' gideb li jaqilbu l-istorja għal waħda mixtieqa mill-ġenitur aljenatur għal skopijiet personali. Il-ġenituri aljenaturi huma "skilled master minds of manipulation li jippreżentaw ruħhom bħala cool, calm, charming and convincing".

Jekk professjonisti ma jkunux imħarrġa fis-suġġett ta' Parental Alienation jistgħu jagħmlu aktar ħsara milli ġid.

**CHILDREN NEED BOTH PARENTS - PARENTAL ALIENATION IS FAMILY VIOLENCE**

AX The Palace - Royal Hall - 06 May 2022 : Malta's 2nd International Experts' Seminar on Parental Alienation HappyParentingMalta.com/seminar

vigil@happyparentingmalta.com
**Happy Parenting - Malta (For Happier Children)**
HPM4HC VO/1819 HappyParentingMalta.com